MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-18 ta' Gunju, 2013

Citazzjoni Numru. 44/2012

**A B**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku,**
**R B u b'digriet tas-27 ta' Marzu 2012 T B giet mahtura bhala kuratur deputat sabiex tirraprezenta lill-minuri Z B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi fis-19 ta' Marzu 2010 minn relazzjoni li kellha mal-intimat Rodrick B hija kellha tarbija li jisimha Z (certifikat tat-twelid anness Dok. A).

Illi fic-certifikat tat-twelid tal-imsemmija minuri Z, jidher illi hija tigi bint missier mhux maghruf mentri fil-fatt l-intimat Rodrick B huwa missier naturali taghha.

Illi l-fatti hawn fuq dikjarati tafhom l-attrici A B personalment.

Talbet in vista tal-premess li l-intimati jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tiddikjara illi l-minuri Z li twieldet lir-rikorrenti A B fit-19 ta' Marzu 2010 hija l-bint naturali tal-intimat Rodrick B.

2. Konsegwentement tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet fic-certifikat tat-twelid tal-minuri Z, liema certifikat jgib in-numru ta' iskrizzjoni 1052/2010 fis-sens illi fil-kolonna indikattiva ta' isem missier it-tarbija li huwa indikat bhala "*unknown father"* jidhlu minflok il-kliem Rodrick B u l-konnottati kollha tieghu.

Bl-ispejjez kontra l-intimati ngunti ghas-subbizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attur;

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi preliminarjament l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħu għar-riżultanzi istruttorji għalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha konċernanti sabiex jissottomettu ruħhom għat-testijiet ġenetiċi kif provdut fl-**Artikolu 100A tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

2. Illi bla ħsara għall-premess f’każ li tintlaqa’ l-ewwel t-talba attriċi l-esponenti jinvita lill-intimat Rodrick B sabiex permezz ta’ nota jispeċifika d-dettalji personali kollha tiegħu, senjatament (1) l-isem u l-kunjom, (2) id-dokument tal-Identità, (3) l-età tiegħu meta twieldet il-minuri Z B, (4) il-post tat-twelid tiegħu, (5) il-post ta’ residenza tiegħu meta twieled l-imsemmija minuri, (6) isem u kunjom ta’ missieru u (7) jekk l-imsemmi missier patern kienx għadu ħaj meta twieldet it-tifla Z B. Tali informazzjoni hija meħtieġa biex tiġi eventwalment inserita fl-Atti tat-Twelid tal-fuq riferita Z B;

3. Illi bla preġudizzju għas-suespost il-partijiet kontendenti għandhom jiddeċiedu b’mod definittiv liema kunjom għanda tassumi l-minuri Z B a tenur tal-**Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta**;

4. Illi finalment dejjem mingħajr ħsara għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta’ aġir tal-esponent u kwindi huwa m’għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta guramentata ta’ R B, li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1. Illi preliminarjament irid jigi stabbilit u kkonfermat illi l-eccipjent huwa effettivament il-missier naturali tal-minuri Z. Dan stante li r-rikorrenti stess kienet espremiet dubbju dwar il-paternita` tal-istess minuri u fil-fatt, malli saret taf li saret tqila, qatghet kwalunkwe kuntatt mal-eccipjent. Dan huwa rifless ukoll fic-certifikat tat-twelid fejn il-missier

huwa ndikat bhala "*Unknown father".* L-eccipjent ghadu sa' llum ma ezercita l-ebda dritt parentali fuq il-minuri;
2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-eccipjent m'ghandux ibati l-ispejjez tal-kawza, stante li kienet ir-rikorrenti li, unilateralment u minghajr l-ebda referenza jew komunikazzjoni mal-eccipjent, issottomettiet id-dettalji necessarji ghall-hrug tac-certifikat tat-twelid tal-istess minuri, fosthom il-fatt issa kkontestat li l-missier tat-tarbija ma huwiex maghruf.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut R B;

Semghet lix-xhieda illi tressqu;

Rat id-dokumenti li gew esebiti, il-provi li gew prodotti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat illi l-kawza thalliet ghas-sentenza ghallum;

Rat in-nota tal-konvenut R B tas-27 ta' Frar 2013;

Ikkunsidrat:

Illi l-qorti ghandha quddiemha talba da parti tal-attrici u cioe' omm il-minuri Z B sabiex ikun hemm bdil fic-certifikat tat-twelid[1] tal-imsemmija minuri fis-sens li dan jibda jindika lill-intimat Rodrick B bhala missierha naturali minflok ma tibqa' bhala wild ta' *unknown father*.

**<u>Verzjoni Attrici</u>**

Permezz tal-affidavit taghha esebit in atti[2] l-attrici tghid li ghall-habta tas-sena 2007 kienet bdiet relazzjoni mal-intimat R B, liema relazzjoni damet ghaddejja sas-sena 2009. Kien propju f'Gunju 2009 li l-attrici harget tqila bil-

---

[1] Esebit a fol 8 tal-process
[2] Ara a fol 37 tal-process

minuri Z. Tghid li meta qaltlu bl-ahbar tat-tqala, l-intimat xejn ma kien sorpriz u bejniethom baqa' ghaddej kollox bhal qabel. Meta kellha tlett xhur tqala, l-partijiet kellhom argument bejniethom li wassal sabiex ir-relazzjoni ta' bejniethom tintemm. Il-komunikazzjoni ta' bejniethom ukoll intemmet. Tghid li ma tafx x'kienet ir-raguni ghaliex rregistrat lit-tarbija bhala missier mhux maghruf, izda wara tali registrazzjoni baghtet messagg lill-intimat li kellha t-tarbija u hu min-naha tieghu urieha li ma riedx jaf bit-tarbija. L-attrici xehdet illi fiz-zmien li kienet tohrog mal-intimat, ma kellha relazzjonijiet intimi ma' hadd aktar hliefu u ghalhekk hija certa li l-intimat huwa l-missier naturali tal-istess minuri.

**<u>Il-Kaz Odjern</u>**

Illi l-qorti taghmel referenza ghan-nota esebita a fol 14 tal-process u li permezz taghha T B accettat li tkun mahtura bhala kuratrici deputata sabiex tirrapprezenta lill-minuri Z B fil-proceduri odjerni, liema kuratrici sussegwentement ma tipprezenta ebda att hlief nota li permezz taghha tammetti t-talbiet attrici.

Illi l-qorti tirrileva li f'dan l-istadju m'hemm ebda eccezzjonijiet ta' natura procedurali jew ta' natura prelinari izda kollox idur fuq il-mertu tal-kaz odjern, u cioe' jekk ir-rikorrenti rnexxilhiex tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li l-intimat R B huwa l-missier naturali tal-minuri Z B. L-istess jista' jinghad ghall-eccezzjonijiet imressqa mill-intimat Noel Mizzi li jghid li fl-ewwel lok irid ikun hemm ic-certezza dwar il-paternita' tal-minuri u fit-tieni lok jikkontesta l-ispejjez tal-proceduri odjerni ghaliex jikkontendi li kienet l-attrici li b'mod unilaterali tat id-dettalji necessarji relattivi ghar-registrazzjoni tal-minuri minghajr ma kkomunikat mieghu.

Din il-qorti tirrileva li l-attrici irnexxilha tipprova l-paternita' tal-minuri u konsegwentement it-talbiet taghha gew ippruvati sal-grad rikjest mill-ligi permezz tat-test tad-DNA esebit in atti[3] li juri verament li l-minuri hija l-wild naturali

[3] Esebit a fol 41 tal-process

tal-intimat R B. Dan qieghed jinghad ovvjament ghaliex it-test xjentifiku ma jhalli ebda ombra ta’ dubju dwar il-paternita’ tal-istess minuri u konsegwentement tali DNA test huwa l-prova regina fi kwistjonijiet ta’ din in-natura.

Ghal dak li jirrigwarda l-kap tal-ispejjez, il-qorti tirrileva li mill-affidavit tal-attrici jirrizulta li l-attrici ma tatx raguni valida ghaliex l-istess attrici qabdet u rregistrat lill-minuri bhala missier mhux maghruf u ghamlet dan minghajr ma nfurmat lill-intimat. Min-naha tieghu ma jirrizultax li l-intimat ghamel xi passi biex jaccerta ruhu li c-certifikat tal-minuri jkun jirrispekkja min verament hu l-missier. Ghaldaqstant il-qorti thoss li z-zewg partijiet ikkontribwew b’mod differenti ghall-inizzjar ghall-proceduri odjerni.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-qorti qeghda taqta’ u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u konsegwentement:

(1) Tilqa’ l-ewwel talba u tiddikjara li l-minuri Z B hija l-wild naturali u biologiku tal-intimat R B;

(2) Tilqa’ t-tieni talba hekk kif dedotta billi tordna d-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet necessarji fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri Z B bin-numru 1052/2010 sabiex minflok il-kliem ‘unknown father’ fil-kolonna ntestata ‘isem u kunjom’ magenb il-kliem ‘missier it-tarbija’ jitnizzel isem u kunjom l-intimat R B li ghandu l-karta tal-identita’ numru 472085M, iben Paul B li fiz-zmien tat-twelid tal-minuri kien haj, l-eta’ li kellu l-intimat meta twieldet il-minuri kienet dik ta’ 24 sena, huwa mwieled il-Pieta’ nhar id-9 ta’ Settembru tas-sena 1985 u meta twieldet l-istess minuri kien residenti Qormi. Tordna wkoll li kunjom il-minuri ghandu jkun dak ta’ B B.

Bl-ispejjez jinqasmu b’mod ugwali bejn l-attrici u l-intimat R B.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------